SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 04/K7/12**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 19/06/'12 287**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 19/06/'12 342**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Ġunju 2012.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.00 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Alexander Grech
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Kienet preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill, Ms Johanna Caruana.

1.05 Il-Kunsillier Richard Scicluna wasal fit-3.05p.m.

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-13 ta' Ġunju 2012. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2012
4. Rapport Amministrattiv
5. Servizz ta' Mini Van
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 03/K7/12 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 03/K7/12.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Il-Kunsillier Alex Grech wasal fit-3.15p.m.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

3159 Email mingħand it-Transport Malta rigward petizzjoni mir-residenti biex isir Residential Parking fi Triq Alfred Gauci.

3250 & Korrispondenza rigward l-iskema 1 tal-Awtorita' tad-Djar

K717 għal *upgrading of open areas within housing estates.*

3541 Ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar rigward possibilita ta' laqgħa biex jiġu diskussi l-isfidi u l-problemi fil-lokalita' relatati mal-ambjent u l-ippjanar.

3611 & K744 Email mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u ittra lill-MP&DC rigward Memo 24/2009 – Aċċessibilta' Aħjar fil-lokalita.

3630, K775, K763&3720 Korrispondenza rigward xogħolijiet ta' alterazzjonijiet biex il-moll ta' ħdejn il-Cavallieri Hotel fi Triq Spinola jiġi aċċessibbli għal kulħadd.

3657 Email mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward ix-xogħolijiet li kienu saru fi Triq Wied Għomor u t-taraġ ta' Angelo Pullicino.

3674 Stima mingħand MP&DC għax-xogħolijiet ta' Ġnien Saver Zarb.

3690 Email mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward il-Festa tal-Lampuki.

3801 Kwotazzjoni mingħand il-Mica Med Ltd dwar il-*belisha lights*.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 3159

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta rigward petizzjoni mir-residenti biex isir Residential Parking fi Triq Alfred Gauci. Ġie deċiż unanimament illi jibda l-proċess biex isir ir-*residential parking* fi Triq Alfred Gauci u Trejqet il-Bajja.

Rif. Nru. 3657

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward *handing over* taż-żewġt proġetti li saru fi Triq Wied Għomor u t-taraġ ta' Angelo

Pullicino. Ġie deċiż unanimament illi tintalab li ssir laqgħa biex isir il-*handing over* ta' dawn il-proġetti.

Rif. Nru. 3674

2.04 Saret riferenza għall-istima mingħand MP&DC għax-xogħolijiet ta' Ġnien Saver Zarb. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jiċċekkja mar-Reġjun Ċentru, x'inhi l-proċedura sabiex jiġi rranġat Ġnien Saver Zarb mill-fondi tar-Reġjun u min ser jagħmel ix-xogħolijiet neċessarji.

Rif. Nru. 3690

2.05 Saret riferenza għall-email mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward il-Festa tal-Lampuki. Ġie deċiż unanimament illi:-

a) ssir laqgħa ma' Ms Eleanor Ciantar tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali;

b) jiġu nfurmati r-restoranti u l-lukandi li hemm mad-dawra tal-baħar b'din l-attivita' sabiex jieħdu sehem.

Rif. Nru. 3801

2.06 Saret riferenza għall-kwotazzjoni mingħand il-Mica Med Ltd biex isiru t-tiswijiet tal-*belisha lights*. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jaċċetta l-kwotazzjoni.

## 3 Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2012

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-Rapporti Finanzjarji mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Marzu 2012 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 L-Accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni ddettaljata tar-rapporti.

3.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Marzu 2012.

3.04 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4 Rapport Annwali Amministrattiv

4.01 Iċ-Ċermen Peter Bonello ressaq ir-Rapport Amministrattiv għall-approvazzjoni (Ara Appendici 'B').

4.02 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tiegħu.

4.03 Il-Kunsillier Alex Grech issekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.05 Iċ-Ċermen irringrazzja lil Ms Joanna Caruana u lis-Segretarju Eżekuttiv għall-ħidma tagħhom.

4.06 L-Accountant tal-Kunsill, Ms Joanna Caruana ġiet skużata fl-4:05p.m.

## 5 Servizz ta' Mini Van

5.01 Saret riferenza għas-servizz ta' mini van fil-lokalita' u għal petiżżjoni mressqa mir-residenti (Ara Appendiċi 'C'). Ġie deċiż unanimament li s-Sindku jikkomunika mas-Sindku tal-Kunsill Lokali Sliema u mat-Transport Malta biex jara kif tista' tiġi solvuta din il-problema.

## 6 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazjoni (Ara Appendiċi 'D').

6.02 Il-Kunsillier Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7 Approvazzjoni ta'  Purchase Request Sheets

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3223 sa 3237 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ‘E’).

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3223 sa 3237.

7.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

7.07 Il-Kunsillier Richard Scicluna ġie skużat fil-4.40p.m.

## 8 Materji Oħra

8.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li reġgħet intbagħtet ittra lill-Puliżija minħabba l-vandalizmu li sar f’Ta’ Giorni l-ġimgħa li għaddiet (Ara Appendiċi ‘F’).

8.02 Saret riferenza għall-*Big Screen* li kien armat fuq Xatt is-Sajjieda bil-permess tal-Kunsill, skont il-leġislatura sussidjarja 441.04. Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ser jintalab parir legali biex il-Kunsill jiġi nfurmat bid-dritt li għandu minħabba din is-sitwazzjoni.

8.03 Issir talba lill-Puliżija biex tittieħed l-azzjoni neċessarja peress li fi Triq Sir Joseph Carbone  hemm ħajt privat li jinsab fi stat perikoluż.

8.04 Sar *transfer* ta’ €30,000 mill-BOV għal HSBC.

8.05 Fir-rigward l-avviż li deher biex isir xogħol ta’ surveying fejn ser isir il-proġett ta’ l-aċċessibilita’ ħdejn il-Cavallieri Hotel, il-Kunsill irċieva żewġt kwotazzjonijiet.  Waħda mingħand Matsurv u l-oħra mingħand Zora Surveys Limited (Ara

Appendiċi 'G'). Il-Kunsill ġie nfurmat li ntgħażlet l-aktar offerta vantaġġjuza, jiġifieri dik tal-Matsurv.

8.06 Fir-rigward il-4GB għas-*server*, il-Kunsill irċieva kwotazzjoni waħda (Ara Appendiċi 'H'). Il- Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

8.07 Ġie deċiż li l-Kunsill jagħti l-awguri fil-magazines tal-festi.

8.08 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli u l-Kunsillier Anthony Grech ġew skużati fil-5.15p.m.

8.09 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li f'Telgħet B'Kara u Triq B'Kara sar ilment li mhux qed imur il-kennies. Ġie deċiż li l-kuntrattur tal-knies jikkonferma jekk hemmx il-kenniesa li kellu qabel u biex jagħti programm ta' fejn qed isiru x-xogħolijiet.

8.10 Fir-rigward il-laqgħat tal-Kunsill għax-xahar ta' Lulju, Awwissu u Settembru, ġie deċiż unanimament illi t-tlett laqgħat li jmiss jsiru kif ġej:-

a) Il-Hamis 12 ta' Lulju 2012 fit-3.00p.m.
b) Il-Hamis 9 t'Awwissu 2012 fit-3.00p.m.
c) It-Tlieta 25 ta' Settembru 2012 fit-3.00p.m.

8.11 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fil-5.30p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**